— tqis li l-applikazzjoni għal trade mark Nru 10 128 262 GATEWIT kienet totalment sostnuta;

— tikkundanna lill-UASI u lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "GATEWIT" għal servizzi fil-klassi 42 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 128 262

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Wit-Software, Consultoria e Software para a Internet Móvel, SA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "wit software" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 38 u 42 kif ukoll ir-reġistrazzjoni nazzjonali tal-isem tal-kumpannija "Wit-Software, Consultoria e Software para a Internet Móvel, SA"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ġiet annullata u l-applikazzjoni għat-trade mark ġiet miċħuda

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2014 – REWE-Zentral vs UASI – Vicente Gandia Pla (MY PLANET)

## (Kawża T-362/14)

(2014/C 261/55)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* REWE-Zentral AG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u A. Wagner, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Vicente Gandia Pla, SA (Chiva, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Marzu 2014, fil-Każ R 201/2013-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "MY PLANET" għal prodotti fil-klassijiet 25, 32 u 33 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 566 515

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Vicente Gandia Pla, SA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali "EL MIRACLE PLANET" għal prodotti fil-klassijiet 25, 32 u 33

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 41(1) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 – Penny-Markt vs UASI – Boquoi Handels (B! O)**

**(Kawża T-364/14)**

(2014/C 261/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Penny-Markt GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u A. Wagner, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Boquoi Handels OHG (Straelen, il-Ġermanja)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-21 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 1201/2013-4;

— tikkundanna lill-konvenut għal-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "B! O", għal prodotti fil-klassijiet 29, 30, 31 u 32 – Trade mark Komunitarju Nru 10 038 008

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Boquoi Handels OHG

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark verbali nazzjonali u trade mark verbali Komunitarju "bo" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 16, 21, 29, 31, 32, 33 u 35

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata u t-trade mark Komunitarja ddikjarata invalida